MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1414/2003

**Charles Fenech**

**Vs**

**Maria Galea**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Lulju 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut thallas is-somma ta' Lm320.77 (tliet mija u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu) rapprezentanti valur tal-art projeta` tal-attur illi l-konvenuta annettiet mal-propjeta` taghha.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-attur jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenuta biex thallsu s-somma ta' tliet mija u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm320.77) jew somma ohra verjuri rapprezentanti l-valur

tal-art propjeta` taghha meta appoggjat il-bini ta’ kamra illi hija hija kkostruwiet mal-propjeta` tal-attur, u dan skond l-anness certifikat peritali mmarkat Dok ‘A’, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talba attrici ghadha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-konvenuta ma ezercitat ebda appogg u lanqas ma okkupat art propjeta` ta’ l-attur.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-pretensjoni attrici tikkoncerna kif xehed il-perit tieghu fis-seduta tat-18 ta’ Mejju 2004 a Fol 22 tal-process. Jirrizulta li l-attur kellu bitha adjacenti mal-fond tal-konvenuta. Huwa bena u tella qoxra mal-hajt tal-kamra attigwa. Sussegwentament il-konvenuta waqqet dik il-kamra u bniet. L-attur qed jippretendi hlas bhala kumpens ta’ nofs il-wisa tal-hajt tal-konvenuta.

Illi l-Art 409(3) tal-kap 16 jistipula li l-propjeta tal-hajt tkun tas-sid tal-kamra meta fuq n-naha l-ohra hemm bitha, gnien jew ghalqa. Dan huwa l-kaz propju in dezamina.

Aktar minn hekk, kien l-istess attur li waqqa u bena l-ewwel u di fatti ma gerrahx mal-hajt esistenti. Dana ghamlu ghax ma kienx tajjeb ghall-skopijiet tieghu. Pero` lanqas ma seta fl-istadju li kienet il-konvenuta jippretendi li jinghata kumpens. Bl-agir tieghu huwa esprima l-intendiment ta’ rinunzja ghal tali pretensjoni kif dedotta fl-avviz.

Issir referenza ghal kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet: Joseph Mifsud vs Louis Muscat et deciza fit-22 ta’ Mejju 2001.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-talbiet attrici jilqa` l-eccezzjonijiet bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------